Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 104/2011

Emanuel u Giorgina Azzopardi u Alex u Mary Savarone

vs

Adrian u Mary Rose Busuttil

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-28 ta’ Marzu 2011 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallasuhom s-somma ta’ hamest elef, seba mija u erba Ewro, tmienja u ghoxrin centezmu (€5,704.28) rapprezentanti l-kera tal-garage Nru 4, Azzopardi Garage, Triq il-Handaq, Qormi mis-6 ta’ Gunju 2010 sal-5 ta’ Dicembru 2010 kif ukoll kont tad-dawl u ilma mill-25 ta’ Jannar 2010 sat-3 ta’ Dicembru 2010.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestruipprezentat kontestwalment mar-rikors u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma ingunti in subizzjoni .

Rat illi , fis-seduta tal-25 ta’ Novembru 2011, r-rikorrenti, permess ta’ nota,  irriducew it-talba taghhom ghall ammont ta’ hamest elef, erbgha mija u tnejn u erbghin Euro (€5,442);

Rat illi, fl-istess seduta, il-konvenuti ammettew it-talba kif ridotta, u dana permezz ta’ nota f’dan is-sens;

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tal-konvenuti jaqra in-nota ta’ ammissjoni tal-konvenuti, issib li t-talba ta’ l-istess rikorrenti, kif korretta, tirrizulta gustifikata w timmerita konferma fuq ammissjoni.

Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici kif korretta w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ hamest elef, erbgha mija u tnejn u erbghin Euro (€5,442) rapprezentanti l-kera tal-garage Nru 4, Azzopardi Garage, Triq il-Handaq, Qormi mis-6 ta’ Gunju 2010 sal-5 ta’ Dicembru 2010 kif ukoll kont tad-dawl u ilma mill-25 ta’ Jannar 2010 sat-3 ta’ Dicembru 2010..

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru ipprezentat kontestwalment mar-rikors u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------